**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 92/2020 AGV :</u>**

**AB**

**Vs**

**CDBE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 28 ta' Frar 2020 , fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzzewwgu nhar id- 9 ta' Awwissu 1997, u dan skont certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet ilhom separati sa mit- 22 ta' Ottubru 2015, fl-atti tan-nutar Dr. Robert Micallef, permezz ta' kuntratt ta' sperazzjoni hawn anness u mamrkat Dok B;
3. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin;

4. Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob umilment lil dina Onorabbli Qorti sabiex ;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar id- 9 ta' Awwissu 1997.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat ir-risposta** ta' CDBE datata 12 ta' Gunju 2020 fejn esponiet bir-rispett;

a. Illi l-intimata esponenti ma topponix ghat-talba sabiex dina l-Qorti tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma' dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti.
b. Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu skont il-kuntratt datat 22 ta' Ottubru 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Robert Micallef.

Ghaldaqstant, l-intimata titlob illi t-talba tar-rikorrent ghandha tigi milqugha u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**